**Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**
Il-Ħadd 26 ta' Frar 2017
It-VIII Ħadd ta' Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**
Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tat-tmien Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex inpoġġu t-tama kollha tagħna fil-Mulej.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 49, 14-15)
Bi kliem mill-aktar sabiħ, il-profeta Isaija jaċċertana li Alla ser jibqa' jiftakar fina.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 61)
F'Alla biss il-mistrieħ ta' ruħi!

**It-Tieni Qari** (1 Kor 4, 1-5)
San Pawl jgħidilna li huwa Alla li jagħraf dak kollu li jkun moħbi fil-fond tal-qalb tal-bniedem.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 6, 24-34)
Bħalma smajna fl-ewwel qari, Ġesù jaċċertana li Alla missierna mhux ser ineħħi l-ħarsa tiegħU minn fuqna. Għalhekk, il-bniedem m'għandux jinkwieta, anzi għandu jpoġġi t-tama kollha tiegħu fil-Mulej.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Ejjew f'dan il-mument inroddu ħajr lil Alla għall-ġid kollu li HU jagħmel magħna.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Alla ried li jibqa' magħna permezz tal-Ewkaristija. Ejjew f'dan il-mument mill-aktar għażiż inħalluh jgħix magħna.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.